

Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9587/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0148(NLE)

ECOFIN 633
UEM 182
FIN 595
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Italja fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta’ Settembru 2023³, tat-8 ta’ Diċembru 2023⁴, tal-14 ta’ Mejju 2024⁵ u tat-18 ta’ Novembru 2024⁶.
- (2) Fil-21 ta’ Marzu 2025, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jintlaħaq minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Italja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Italja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 67 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10160/21 u ST 10160/21 ADD 1 REV 2 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 12259/23 INIT fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 16051/23 INIT; ST 16051/23 ADD 1 u ST 16051/23 ADD 1 REV 1 (ga) fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 9399/24 INIT u ST 9399/24 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 15114/24 INIT u ST 15114 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) L-Italja spjegat li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba nuqqas ta' domanda jew bidla fid-domanda. Dan jikkonċerna, M2C2-51 taħt l-Investment 3.2 (Użu tal-Idroġenu f'industrija li diffiċli sabiex titrażżan) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2; u M7-18, M7-20 u M7-21 taħt l-Investment 6 (Proġetti ta' interkonnessjoni transfruntiera tal-elettriku bejn l-Italja u pajjiżi ġirien) taħt il-Missjoni 7. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għal M7-20 u M7-21 tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) L-Italja spjegat li sitt miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna: M3C1-5 u M3C1-6 taħt l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja lejn in-Nofsinhar għall-passiġġieri); M3C1-9 taħt l-Investment 1.2 (Linji b'veloċità għolja fit-Tramuntana li jingħaqdu mal-bqija tal-Ewropa); M3C1-11 taħt l-Investment 1.3 (Konnessjonijiet djagonali u merkanzija); id-deskrizzjoni tal-miżura taħt l-Investment 1.5 (Tisħiħ tan-nodi metropolitani); id-deskrizzjoni tal-miżura taħt l-Investment 1.6 (Tisħiħ tal-linji reġjonali – Titjib tal-ferroviji reġjonali (il-ġestjoni ta' RFI)); u M3C1-17bis taħt l-Investment 1.7— (Titjib, elettrifikazzjoni u reżiljenza tal-ferroviji fin-Nofsinhar u konnessjonijiet nazzjonali ewlenin) taħt il-Missjoni 3, il-Komponent 1. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li daww l-istadji importanti u l-miri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) L-Italja spjegat li l-M2C2-4 taħt l-Investment 1.4 (Żvilupp tal-bijometan, skont il-kriterji għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) parzjalment ma għadux jista' jinkiseb, minħabba inflazzjoni għolja. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li dik il-mira tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) L-Italja spjegat li l-M5C2-16 taħt l-Investment 5 (Pjanijiet Urbani Integrati - Negħlbu l-insedjamenti illegali għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema fl-agrikoltura) skont il-Missjoni 5, il-Komponent 2, parzjalment ma għadux jista' jinkiseb, minħabba bidliet mhux previsti fil-popolazzjoni ta' insedjamenti illegali, li kienu jeħtieġu proċeduri preparatorji itwal. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dik il-mira tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) L-Italja spjegat li 37 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna: M1C1-18 u M1C1-27 taħt l-Investment 1.3.1 (Pjattaforma nazzjonali tad-data diġitali); M1C1-23 taħt l-Investment 1.4.6 (Il-Mobbiltà bħala Servizz għall-Italja); M1C1-49 u M1C1-50 taħt l-Investment 1.8 (Proċeduri ta' reklutaġġ għall-qradi amministrattivi); M1C1-60 taħt ir-Riforma 1.9 (Riforma tal-amministrazzjoni pubblika); M1C1-72ter u M1C1-72quater taħt ir-Riforma 1.11 (Tnaqqis ta' pagamenti tard mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet tas-saħħa); M1C1-73ter, M1C1-84bis, M1C1-98 u M1C1-98bis taħt ir-Riforma 1.10 (Riforma tal-qafas leġislattiv tal-akkwist pubbliku); M1C1-144 taħt l-Investment 1.4.2 (Inklużjoni taċ-ċittadini - Titjib fl-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali); M1C1-145 u M1C1-146 taħt l-Investment 1.4.4 (Żieda fl-adozzjoni tal-pjattaformi Nazzjonali tal-Identità Diġitali (SPID, Sistema Pubblico di Identità Digitale; CIE, Carta d'identità elettronica) u r-reġistru nazzjonali (ANPR, Anagrafe nazionale della popolazione residente)) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 1; M1C2-11, M1C2-12 u M1C2-13 taħt ir-Riforma 2 (Liġijiet Annwali tal-Kompetizzjoni); M1C2-15 taħt l-Investment 2 (L-innovazzjoni u t-teknoloġija tal-mikroelettronika) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 2;

M1C3-3 taħt l-Investment 1.2 (Tneħħija ta' ostakli fiżiċi u konjittivi f' mużewijiet, libreriji u arkivji biex ikun hemm aċċess usa' għall-kultura u parteċipazzjoni fiha); M1C3-18 taħt l-Investment 2.3 (Programmi biex tissaħħaħ l-identità ta' postijiet, parks u għonna storiċi) taħt il-Missjoni 1, Komponent 3; M2C1-16ter taħt l-Investment 1.1 (Implimentazzjoni ta' impjanti ġodda għall-immaniġġjar tal-iskart u modernizzazzjoni tal-impjanti eżistenti); M2C1-23 taħt l-Investment 3.4 (Fondo Contratti di Filiera (FCF) biex jappoġġa l-kuntratti tal-ktajjen tal-provvista għas-setturi agroalimentari, tas-sajd u tal-akkwakultura, tal-forestrija, tal-florikultura u tal-mixtliet tal-pjanti) skont il-Missjoni 2, il-Komponent 1; M2C2-28 u M2C2-29 taħt l-Investment 4.3 (Installazzjoni ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar); M2C2-38bis, M2C2-39 u M2C2-40 taħt l-Investment 5.1 (Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u batteriji); M2C2-42bis u M2C2-43 taħt l-Investment 5.4 (Appoġġ għal negozji ġodda u kapital ta' riskju attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika); M2C2-44 taħt l-Investment 1.1 (Żvilupp ta' sistemi agrovoltaji); M2C2-47 taħt l-Investment 1.2 (Il-promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2; M4C1-19 taħt l-Investment 3.2 (Skola 4.0: skejjel innovattivi, wajers, klassijiet u workshops ġodda); M4C1-23 taħt l-Investment 3.4 (Tagħlim u ħiliet universitarji avvanzati); M4C1-24 taħt l-Investment 1.6 (Orjentazzjoni attiva fit-tranżizzjoni bejn l-iskola u l-università); M4C1-25 taħt l-Investment 1.4 (Intervent straordinarju mmirat lejn it-tnaqqis tad-distakki territorjali fiċ-ċikli I u II tal-iskola sekondarja u l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola) taħt il-Missjoni 4, il-Komponent 1; M4C2-1bis taħt l-Investment 1.2 (Proġetti ta' finanzjament ippreżentati minn riċerkaturi żgħażaġh); M4C2-3 taħt l-Investment 3.3 (L-introduzzjoni ta' dottorati innovattivi li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-innovazzjoni mill-intrapriżi u jippromwovu r-reklutaġġ ta' riċerkaturi minn kumpaniji); M4C2-21 u M4C2-21bis taħt l-Investment 3.2 (Il-finanzjament ta' kumpaniji start-up) taħt il-Missjoni 4, il-Komponent 2;

M5C1-14 taħt l-Investment 2 - Sistema ta' ċertifikazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 1; M5C2-18 taħt l-Investment 5 (Pjanijiet Urbani Integrati - Fond ta' Fondi tal-BEI) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 2; M5C3-9 taħt Investment 1.3 (Interventi soċjoedukattivi strutturati għall-ġlieda kontra l-faqar edukattiv fin-Nofsinhar li jappoġġaw it-Tielet Settur) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 3; M6C1-6 taħt l-Investment 1.2 (Id-dar bħala l-ewwel post ta' kura u t-telemediċina) taħt il-Missjoni 6, il-Komponent 1; M6C2-2 u M6C2-3 taħt l-Investment 2.1 (It-tisħiħ u t-titjib tar-riċerka bijomedika tal-NHS) taħt il-Missjoni 6, il-Komponent 2; M7-1 taħt ir-Riforma 1 (Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli fil-livell ċentrali u lokali); M7-7 taħt ir-Riforma 4 (Mitigazzjoni tar-riskju finanzjarju assoċjat mal-PPAs rinnovabbli (Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija)); Investment 16 (Appoġġ lill-SMEs għall-awtoproduzzjoni minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli); u M7-46, M7-47, M7-48 u M7-49 taħt l-Investment 17 (Strument finanzjarju biex jittaffa l-faqar enerġetiku għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija ta' akkomodazzjoni residenzjali pubblika u akkomodazzjoni soċjali, u unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli) taħt il-Missjoni 7. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li daww l-istadji importanti u l-miri jiġu emendati. Barra minn hekk, l-Italja talbet li jitneħħew l-istadji importanti u l-miri li ġejjin: l-istadju importanti M1C1-61 taħt ir-Riforma 1.9 (Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika); il-miri M1C1-64 u M1C1-65 taħt l-Investment 1.9 (L-ġhoti ta' assistenza teknika u t-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-pjan Taljan għall-irkupru u r-reżiljenza) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 1; l-istadju importanti M1C2-30; u l-miri M1C2-31 u M1C2-32 taħt l-Investment 7 (Appoġġ għas-sistema tal-produzzjoni għat-Tranżizzjoni Ekoloġika, Teknoloġiji b'Emissjonijiet Żero Netti, u l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista strateġiċi) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 2; il-miri M2C2-29bis, M2C2-30bis u M2C2-30ter taħt Investment 4.3.1 (Installazzjoni ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2;

il-mira M5C1-13 taħt l-Investment 2 (Sistema ta' ċertifikazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 1; u l-istadju importanti M7-8 taħt ir-Riforma 4 (Mitigazzjoni tar-riskju finanzjarju assoċjat mal-PPAs rinnovabbli (Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija)) taħt il-Missjoni 7. Barra minn hekk, l-Italja talbet li jiżdiedu l-istadji importanti u l-miri li ġejjin: l-istadju importanti M1C2-13bis taħt ir-Riforma 2 (Il-Liġijiet Annwali tal-Kompetizzjoni) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 2; il-mira M3C1-5 taħt l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja lejn in-Nofsinhar għall-passiġġieri u l-merkanzija); u l-mira M4C2-3bis taħt l-Investment 3.3 (Introduzzjoni ta' dottorati innovattivi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-innovazzjoni mill-intrapriżi u jippromwovu r-reklutaġġ ta' riċerkaturi mill-kumpaniji). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (9) L-Italja spjegat li ġew emendati 20 miżura sabiex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li xorta jinkisbu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna: l-Investment 1.6 (Trasformazzjoni diġitali ta' amministrazzjonijiet ċentrali kbar), M1C1-43 u M1C1-44 taħt ir-Riforma 1.4 (Riforma tal-ġustizzja ċivili); M1C1-155 taħt l-Investment 1.6.3 (Diġitalizzazzjoni tal-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (INPS, Istituto Nazionale Previdenza Sociale) u l-Istitut Nazzjonali għall-Assigurazzjoni kontra l-Inċidenti fuq il-Post tax-Xogħol (INAIL, Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro)) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 1; M1C3-27 taħt l-Investment 4.3 (Caput Mundi Next Generation EU għal avvenimenti turistiċi kbar) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 3; M2C2-34 u M2C2-35 taħt l-Investment 4.4.1 (It-tisħiħ tal-flotta tal-karozzi tal-linja tat-trasport pubbliku reġjonali b'xarabanks bil-qiegħ baxx mal-art u b'livell baxx ta' emissjonijiet żero); M2C2-34bis u M2C2-35bis skont l-Investment 4.4.2 (It-tisħiħ tal-flotta ferrovjarja tat-trasport pubbliku reġjonali b'ferroviji b'emissjonijiet żero u servizz universali) skont il-Missjoni 2, il-Komponent 2; M2C3-8 taħt l-Investment 1.2 (Kostruzzjoni ta' bini, rikwalifikazzjoni u tisħiħ tal-assi tal-proprjetà immobbli pubbliċi użati parzjalment jew kompletament mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja) skont il-Missjoni 2, il-Komponent 3;

M4C2-11 bis taħt l-Investment 2.1 (Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju tal-għargħar u idroġeoloġiku); M2C4-34, M2C4-24bis, M2C4-35 u M2C4-35bis taħt l-Investment 4.3 (Investimenti fir-reżiljenza tal-agrosistema tal-irrigazzjoni għal ġestjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 4; M3C1-19 u M3C1-20 taħt l-Investment 1.8 (Titjib tal-istazzjonijiet ferrovjarji (il-ġestjoni ta' Rete Ferroviaria Italiana (RFI); fin-Nofsinhar)) taħt il-Missjoni 3, il-Komponent 1; M3C2-7 taħt l-Investment 2.3 (Il-mogħdija kiesħa) taħt il-Missjoni 3, il-Komponent 2; M4C1-12 taħt l-Investment 4.1 (Estensjoni fl-għadd u fl-opportunitajiet ta' karriera tal-PhDs (orjentata lejn ir-Riċerka, l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Wirt Kulturali)); M4C1-17 u M4C1-16 taħt l-Investment 3.1 (Ħiliet ġodda u lingwi ġodda); M4C1-20 taħt l-Investment 1.5 (Żvilupp tas-sistema ta' taħriġ vokazzjonali terzjarju (ITS)) taħt il-Missjoni 4, il-Komponent 1; M5C1-15bis u M5C1-16 taħt l-Investment 4 (Servizz Ċivili Universali) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 1; M5C3-12 u d-deskrizzjoni tal-miżura taħt l-Investment 1.4 (Investimenti infrastrutturali għaż-Żona Ekonomika Speċjali) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 3; M6C2-12 taħt l-Investment 1.3 (It-tisħiħ tal-infrastruttura teknoloġika u tal-għodod għall-ghbir tad-data, l-ipproċessar tad-data, l-analiżi tad-data u s-simulazzjoni) taħt il-Missjoni 6, il-Komponent 2; M7-4 taħt ir-Riforma 2 (Sussidji ta' Ħsara Ambjentali), M7-14 u M7-15 taħt l-Investment 4 (Link Tirrenjana); M7-16 taħt l-Investment 5 (SA.CO.I.3); M7-31 taħt l-Investment 11 (It-tisħiħ tal-flotta ferrovjarja tat-trasport pubbliku reġjonali b'ferroviji b'emissjonijiet żero u servizz universali) taħt il-Missjoni 7. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li titneħħa informazzjoni ta' sfond mhux meħtieġa jew elementi proċedurali li ma jikkontribwixxux għall-oġġettivi tal-miżuri, biex jiġi ċċarat li ċerti elementi huma relatati mal-oġġettivi jew mal-kuntest tal-miżuri, u biex jiġu ssimplifikati d-deskrizzjonijiet tal-miżuri jew tal-istadji importanti u l-miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri rispettivi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (10) Wara l-emendi għall-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Italja talbet ukoll li jiżdiedu żewġ miżuri ġodda. Dan jikkonċerna: l-mira M2C2-30 taħt l-Investment 4.5 (Programm ta' tiġdid tal-flotta ta' vetturi kummerċjali privati u ħief b'vetturi elettriċi) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2; u l-istadji importanti M3C1-25 u M3C1-26 taħt ir-Riforma 1.3 (Spinta lill-effiċjenza tal-infrastruttura ferrovjarja fl-Italja) taħt il-Missjoni 3, il-Komponent 1. Abbażi ta' dan, l-Italja talbet li daww l-istadji importanti u l-miri jiżdiedu. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Italja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (12) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Italja.

Korrezzjoni ta' żbalji klerikali

- (13) Ġew identifikati 11-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw tmien stadji importanti u miri u seba' miżuri taħt erba' komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Italja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma': M1C1-20 taħt l-Investment 1.5 (Ċibersigurtà); M1C1-139 u M1C1-147 taħt l-Investment 1.2 (Faċilitazzjoni tal-Cloud għal AP lokali); M1C1-140 taħt l-Investment 1.4.1 (Esperjenza taċ-ċittadini - Titjib tal-kwalità u l-użabbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali); M1C1-143 taħt l-Investment 1.6.4 (Diġitalizzazzjoni tal-Ministeru tad-Difiża) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 1; M1C2-19 taħt l-Investment 3.1 (Gżejjer ekoloġiċi); M1C2-23 taħt l-Investment 4 (It-teknoloġija tas-Satellita u l-Ekonomija Spazjali) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 2; M2C4-22 u M2C4-23 taħt l-Investment 3.3 (Naturalizzazzjoni mill-ġdid taż-żona Po) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 4; id-deskrizzjoni tal-Investment 1.3 (Data u interoperabbiltà) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 1; u d-deskrizzjoni tal-Investment 7 (Sport u Inklużjoni Soċjali) taħt il-Missjoni 5, il-Komponent 2. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (14) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri b'_dimsjonjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimsjonjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (16) L-emendi li jaffettwaw miżuri li għandhom dimsjonjoni jew livell transfruntier jew multinazzjonali jikkonċernaw l-Investiment 6 (Proġetti ta' interkonnessjoni tal-elettriku transfruntiera bejn l-Italja u l-pajjiżi ġirien) taħt il-Missjoni 7. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 75,7 % tal-kost stmat totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (18) L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati maż-żieda fl-allokazzjoni għall-Investment 1.4 (L-iżvilupp tal-bijometan) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2, u t-tnaqqis korrispondenti fl-allokazzjoni għall-Investment 3.2 (l-użu tal-idroġenu fl-industrija li diffiċli sabiex titrażżan), ukoll taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2. Barra minn hekk, il-pakkett għall-Investment 4.3 (Installazzjoni ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2, tnaqqas u l-ammont korrispondenti ġie allokat għall-Investment 4.5 il-ġdid (Programm ta' tiġdid tal-flotta ta' vetturi kummerċjali privati u ħief b'vetturi elettriċi), ukoll taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2. L-Investment 7 (Appoġġ għas-sistema ta' produzzjoni għat-Tranżizzjoni Ekoloġika, Teknoloġiji b'Emissjonijiet Żero Netti, u l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista strateġiċi) taħt il-Missjoni 1, il-Komponent 2, ġie amalgamat mal-Investment 5.1 (Rinnovabbli u Batteriji) taħt il-Missjoni 2, il-Komponent 2. Tnaqqis limitat għal tliet miżuri li parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista taħt il-Missjoni 3, il-Komponent 1 – jiġifieri l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji b'veloċità għolja fin-Nofsinhar għall-passiġġieri), Investment 1.2 (Linji ta' veloċità għolja fit-Tramuntana li jikkonnettjaw mal-bqija tal-Ewropa) u l-Investment 1.3: (Il-konnessjonijiet djaġonali u l-merkanzija) – , ġew parzjalment ikkumpensati minn żieda fl-allokazzjoni tal-Investment 1.9 (Konnessjonijiet interreġjonali). B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tal-ittaggjar klimatiku tal-miżura miżjuda u tal-miżuri mnaqqsa, l-emendi għall-RRP tal-Italja jinvolvu żieda netta fil-kontribut ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP b'0,1 % sa 39,5 % minn 39,4 %. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25.5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (20) L-emendi li jaffettwaw il-miżuri li għandhom dimensjoni diġitali jikkonċernaw biss ftit miżuri mill-Komponent 1, tal-Missjoni 1. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Estimi tal-prezzijiet

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija sa ċertu punt medju (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (22) L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi man-natura u mat-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kostijiet għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP emendat huma meqjusa raġonevoli u plawżibbli. L-Italja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-ispejjeż totali stmati mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Għalhekk, il-klassifikazzjoni B hija ġġustifikata għall-RRP emendat.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (23) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Italja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (g), (h), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (24) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, l-Italja qieset bħala proġetti ta' prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, l-Italja ma nkludiet l-ebda proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità fl-RRP emendat, minħabba li l-evalwazzjoni tal-konformità ta' tali proġetti mar-Regolament (UE) 2021/241 u mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għadha għaddejja u l-inklużjoni tagħhom f'dan l-istadju tkun prematura, peress li l-eliġibbiltà tagħhom għadha ma ġietx ivverifikata bis-sħiħ.

Valutazzjoni pożittiva

- (25) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, fejn instab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (26) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Italja huwa ta' EUR 194 415 941 466. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Italja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat tal-Italja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 71 779 623 788.

Għoti ta' self

- (27) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Italja li jammonta għal EUR 122 601 810 400 jibqa' l-istess.
- (28) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Italja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
